---

16 ta' Diċembru 1949.

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Emmanuela sive Lily Schembri *versus* Marco Aroyo (*)

## Ċessjoni ta' Kreditu — Denunzja — Ċitazzjoni — Dokumenti — Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 1553 u 1555 tal-Kodiċi Ċivili, u art. 155 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

*Huwa minnu illi ċ-ċessjonarju ma jistax, di fronti għat-terzi, jeżerċita d-drittijiet li jiġuh miċ-ċessjoni, qabel ma jiddenunzja ċ-ċessjoni lid-debitur ċedut, jew dan ikun aċċetta ċ-ċessjoni. Fost it-terzi li għalihom tapplika din ir-regola tal-liġi hemm ukoll id-debitur ċedut.*

*Imma għall-validità ta' dik id-denunzja mhux meħtieġ illi flimkien ma' l-att ġudizzjarju li bih tiġi notifikata lid-debitur iċ-ċessjoni, jiġifieri l-att tat-trasferiment tal-kreditu miċ-ċedent liċ-ċessjonarju, jiġi notifikat ukoll l-att taċ-ċessjoni, jiġifieri l-iskrittura li biha tkun saret iċ-ċessjoni.*

*Għaldaqstant mhix aċċettabili l-eċċezzjoni tad-debitur ċedut li jallega l-insuffiċjenza tad-denunzja li saritlu taċ-ċessjoni fuq il-motiv li ma' l-att ġudizzjarju li bih saritlu dik id-denunzja ma ġietx eżibita kopja ta' l-att taċ-ċessjoni.*

*Imma maċ-ċitazzjoni li biha ċ-ċessjonarju jitlob kontra d-debitur ċedut il-ħlas tal-kreditu minnu dovut, il-kopja ta' dak l-att għandha tiġi eżibita; għax flimkien maċ-ċitazzjoni għandhom jiġu preżentati d-dokumenti li fuqhom tkun bażata d-domanda.*

*Però l-Qorti għandha l-fakoltà li tippermetti fi kwalunkwe stadju tal-kawża fl-ewwel istanza, meta l-proċediment ikun sar b'ċitazzjoni, il-produzzjoni ta' kwalunkwe dokument li jkun meħtieġ għall-istruzzjoni tal-kawża; u għalhekk, meta ċ-ċitazzjoni ma tkunx akkompanjata mill-kopja ta' l-att taċ-ċessjoni, ma huwiex il-każ li l-konvenut jiġi neċessarjament liberat mill-ħarsa tal-ġudizzju, imma l-Qorti tista' tordna lill-attur li jipproduċi dik il-kopja.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi talbet li l-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti jħallas lilha, fil-kwalità fuq premessa, u skond id-denunzja taċ-ċessjoni lilu debitament notifikata bl-ittra uffiċjali tad-9 ta' Lulju 1949 (dok. A), is-somma ta' £15 għal tliet xhur kera li għalqu bil-quddiem fl-ewwel ta' Lulju 1949, ta' l-appartament numru 2 fil-fond 51, Bishop's Street, Valletta, bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-9 ta' Lulju 1949;

*Omissis*

Tikkunsidra fuq l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut, illi huwa għandu jiġi liberat "ab observantia" billi għadu ma ġiex validament notifikat bil-pretiża ċessjoni, peress illi qatt ma ġiet eżibita l-iskrittura taċ-ċessjoni — la ma' l-ittra uffiċjali u lanqas ma' l-att taċ-ċitazzjoni;

Illi skond l-art. 1553 tal-Kodiċi Ċivili, "iċ-ċessjonarju ma jistax, kwantu għat-terzi, jeżerċita l-jeddijiet lilu ċeduti, ħlief wara li ċ-ċessjoni tkun ġiet mgħarrfa lid-debitur b'att ġudizzjarju miċ-ċessjonarju nnifsu jew miċ-ċedent". Skond l-art. 1555 ta' l-istess Kodiċi ċitat id-denunzja mhix neċessarja jekk id-debitur ikun aċċetta ċ-ċessjoni. Fost l-imsemmijin terzi huwa annoverat anki d-debitur;

Illi l-prinċipju stabbilit fl-artikoli 1553 u 1555 jindika illi ċ-ċessjonarju ma jkunx kreditur, għar-rigward tat-terzi, fosthom id-debitur, ħlief bid-denunzja jew l-aċċettazzjoni;

(*) Deċiża fil-meritu fit-28 ta' Jannar, 1950

fil-waqt illi rispett għaċ-ċedent jakkwista l-proprjetà tal-kreditu bil-fatt biss tal-vendita;

Illi b'ittra uffiċjali fuq indikata, tad-9 ta' Lulju 1949, l-attriċi għarrfet lill-konvenut illi Lewis Spiteri Debono kien għamlilha ċessjoni tal-kera tal-post numru 2 (it-tielet pjan) in forza ta' żewġ skritturi tat-22 u tal-24 ta' Marzu 1949; l-konvenut, iżda, jippretendi li dik in-notifika mhix suffiċjenti għaliex ma kienx hemm l-iskrittura taċ-ċessjoni ma' l-imsemmija ittra uffiċjali;

Illi, kif jirriżulta min-notamenti ta' Sir Adriano Dingli dwar l-Ordinanza VII ta' l-1868, l-art. 1217 ta' dik l-Ordinanza, illum l-art. 1553 fuq ċitat tal-Kodiċi Ċivili Tagħna, hu sostanzjalment konformi għall-art. 1690 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż; u jirriżulta wkoll illi ġiet suġġerita mill-kommenti tat-Troplong dwar dak l-artikolu ż-żieda fl-artikolu tal-Kodiċi Tagħna li d-denunzja taċ-ċessjoni ssir tant mill-istess ċessjonarju kemm miċ-ċedent. U difatti f'dawk in-notamenti nsibu riferenza għall-par. 904 tal-komment ta' Troplong fuq it-Tit. VI tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi Ċivili Franċiż (Della Vendita), fejn jingħad illi n-notifikazzjoni tista' ssir miċ-ċessjonarju u anki miċ-ċedent — dak li, del resto, jissupponi l-art. 1691 ta' l-istess Kodiċi Franċiż;

Illi skond Troplong, il-motiv tal-formalità tad-denunzja taċ-ċessjoni lid-debitur hija l-korollarju tal-prinċipju illi fil-bejgħ ta' ħaġa mobili l-pussess ma jiġix trasmess, għar-rigward tat-terzi, ħlief bit-tradizzjoni. Skond Troplong id-denunzja hija ġeneru partikulari ta' immissjoni fil-pussess f'każ ta' trasferiment ta' ħwejjeġ inkorporali. Awturi oħrajn, ad eżempju Pothier, Baudry, Laurent, isibu l-motiv tal-formalità tad-denunzja fil-publiċità; u jgħidu illi l-leġislatur ried ċertu grad ta' publiċità, għar-raġuni sempliċissima illi f'każ ta' ċessjoni ta' kreditu hemm debitur, u d-debitur għandu jiġi neċessarjament infurmat biċ-ċessjoni, billi din a għandha l-effett li tbiddillu l-kreditur; u la darba dik il-formalità hija rikjesta fl-interess tad-debitur, għandha tiġġjova lit-terzi kollha. Dina l-publiċità għat-terzi l-oħra hija wisq imperfetta, għaliex l-avvertiment lid-debitur ma jgibx għall-konoxxenza tat-terzi l-oħra l-fatt taċ-ċessjoni. Imma, kif igħidu l-awturi, ma setgħetx tinstab publiċità oħra aktar sodisfaċenti;

Illi però, l-awturi kollha, kompriż Troplong, igħidu illi mhux neċessarju illi n-notifika taċ-ċessjoni tkun tikkomprendi kopja ta' l-att taċ-ċessjoni. Dana fid-Dritt Franċiż jingħad għal meta ċ-ċessjoni tkun saret bi skrittura; għaliex skond id-Dritt iċ-ċessjoni tista' ssir anki mingħajr skrittura. Skond id-Dritt Tagħna ċ-ċessjoni ta' kreditu bilfors issir bi skrittura; imma għall-istess raġuni illi ma hemmx bżonn, skond il-Kodiċi Franċiż, li d-denunzja tkun tikkontjeni kopja ta' l-iskrittura meta dina ssir, ma hemmx bżonn, skond il-Liġi tagħna, li d-denunzja tikkontjeni kopja ta' l-iskrittura. Dana, del resto, jidher ċar anki mill-kliem adoperat mil-leġislatur fiċ-ċitat art. 1553 tal-Kodiċi Ċivili Tagħna; u difatti dak l-artikolu tal-Kodiċi Tagħna, kif ukoll l-art. 1690 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż, ma jeżiġix l-intimazzjoni jew notifika ta' l-att taċ-ċessjoni, imma biss dik taċ-ċessjoni; jiġifieri ta' l-att ġuridiku li jkun opera t-trasferiment tal-kreditu; u għaldaqstant hu biżżejjed li tiġi notifikata s-sostanza tal-konvenzjoni. Laurent igħid a propożitu:— "E inutile far conoscere al debitore e ai terzi le clausole del contratto, che interessano soltanto le parti contraenti. L'unica cosa che essi abbiano interesse di sapere è il fatto della cessione del credito. Ecco tutto quanto che deve essere notificato al debitore. Così la pensano tutti gli scrittori; e la giurisprudenza ha consacrato questa opinione". U Troplong, li, kif ġà ngħad, l-opera tiegħu l-leġislatur tagħna kellu quddiem għajnejh, igħid:— "Non è necessario che la citazione contenga una copia letterale ed intera dell'atto di cessione. Basta che la notificazione faccia conoscere in modo positivo ed equipollente l'atto in virtù del quale essa è fatta" (902);

Għal dawn il-motivi, l-eċċezzjoni li d-denunzja taċ-ċessjoni mhix suffiċjenti jekk ma' l-att ġudizzjarju li bih iċ-ċessjoni tiġi denunzjata ma jkunx hemm kopja ta' l-iskrittura li in forza tagħha tkun saret iċ-ċessjoni, ma tistax tiġi akkolta;

Tikkunsidra, dwar il-lament l-ieħor tal-konvenut, illi l-iskrittura taċ-ċessjoni lanqas ma ġiet prodotta ma' l-att taċ-ċitazzjoni;

Illi huwa veru, kif issottometta l-konvenut, illi skond l-

art. 155 (2) tal-Kodići tal-Proćedura Ċivili Tagħna, flimkien maċ-ċitazzjoni għandhom jinġiebu d-dokumenti meħtieġa sabiex isaħħu t-talba f'kull parti tagħha, u kwindi l-att taċ-ċessjoni jmissu ġie preżentat flimkien ma' l-att taċ-ċitazzjoni;

Illi però, apparti l-fatt illi l-konvenut kien jaf biċ-ċessjoni minn qabel, għaliex ġiet lilu sewwa denunzjata, id-dispożizzjoni ċitata tal-Kodići tal-Proćedura Ċivili ma tivvjetax lil-Qorti, fil-proćedura b'ċitazzjoni, li tippermetti lill-attur iġib, waqt it-trattazzjoni tal-kawża in prima istanza kull dokument ritenut neċessarju għall-istruzzjoni ta' l-istess kawża ("Micallef vs. Zammit", 20 ta' April 1921, Vol. XXIV—I—721);

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, u kwindi t-talba tiegħu biex jiġi liberat "ab observantia". L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa;

Tordna lill-attriċi tipproduċi kopja ta' l-att taċ-ċessjoni.